

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Alpina River Cruises GmbH, Nicko Tours GmbH

Konvenut: Ministero delle infrastrutture e dei trasporti — Capitaneria di Porto di Chioggia

Domanda preliminari

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92, tas-7 ta' Diċembru 1992⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat bħala li japplika għall-kruċieri mwettqa bejn portijiet ta' Stat Membru mingħajr imbark u iżbark ta' diversi passiġġieri f'dawn il-portijiet, inkwantu dawn il-kruċieri jibdeu u jispiċċaw bl-imbark u l-iżbark tal-istess passiġġieri fl-istess port tal-Istat Membru?

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92, tas-7 ta' Diċembru 1992, li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 10)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-15 ta' Jannar 2013 — Ministero dell'Interno vs Fastweb SpA

(Kawża C-19/13)

(2013/C 86/18)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ministero dell'Interno

Konvenuta: Fastweb SpA

Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 2d(4) tad-Direttiva 2007/66⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta awtorità kontraenti — qabel ma tagħti l-kuntratt direttament lil operatur ekonomiku partikolari, magħżul mingħajr pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt — tkun ippubblikat l-avviż minħabba trasparenza *ex ante volontaire* fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tkun sten-niet tal-inqas għaxart'ijiem għall-konklużjoni tal-kuntratt, il-qorti nazzjonali hija awtomatikament ipprojbata — dejjem u fi kwalunkwe ipoteżi — milli tiddeċiedi li l-kuntratt ma għandux effett, anki jekk hija tikkonstata l-ksur ta' regoli li jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-għoti tal-kuntratt mingħajr ma ssir il-proċedura ta' sejħa għal offeriti?

(2) Fil-każ li l-Artikolu 2d(4) tad-Direttiva 2007/66 jiġi interpretat bħala li jeskludi kull possibbiltà li tiġi deċiża l-ineffettività tal-kuntratt skont id-dritt nazzjonali (Artikolu 122

tal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva), minkejja l-fatt li l-qorti kkonstataat ksur tar-regoli li jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-għoti ta' kuntratt mingħajr ma ssir il-proċedura ta' sejħa għal offeriti, l-imsemmi Artikolu 2d(4) tad-Direttiva 2007/66 huwa konformi mal-prinċipji ta' ugwaljanza bejn il-partijiet, ta' nondiskriminazzjoni u tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u jiżgura d-dritt għal rimedju effettiv fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

⁽¹⁾ Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2007, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' revizzjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi (ĠU L 335, p. 31)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Ġermanja) fil-15 ta' Jannar 2013 — Daniel Unland vs Land Berlin

(Kawża C-20/13)

(2013/C 86/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Daniel Unland

Konvenut: Land Berlin

Domandi preliminari

(1) Id-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja, b'mod partikolari, f'dan il-każ, id-Direttiva 2000/78/KE⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat, għall-finijiet tal-applikazzjoni kompleta tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni mhux ġustifikata minħabba l-età, fis-sens li jestendi wkoll għar-regoli nazzjonali dwar ir-remunerazzjoni tal-imħallfin tal-Land?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja għandha twassal għall-konklużjoni li tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba l-età, dispożizzjoni nazzjonali li tipprovi li l-ammont tas-salarju bażiku ta' mħallef mad-dħul fil-kariga tiegħu fil-ġudikatura u ż-żieda sussegwenti tiegħu jiddependu fuq l-età tiegħu?

(3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja tipprekkludi l-ġustifikazzjoni ta' tali dispożizzjoni nazzjonali bl-għan leġiżlattiv li tiġi kkumpensata l-esperjenza professjonali u/jew il-kompetenzi soċjali?

- (4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja tippermetti, fil-każ li tiġi stabbilita sistema nondiskriminatorja ta' remunerazzjoni tal-uffiċjali, konsegwenza legali oħra għajr dik tal-għoti ta' kumpens retroattiv lil persuni diskriminati li jikkorrispondu għall-ogħla skala tal-grad tagħhom?

Il-konsegwenza legali marbuta mal-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni f'dan il-każ tirriżulta direttament mid-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja innifsu, b'mod partikolari, fil-każ ineżami, id-Direttiva 2000/78/KE jew l-allegazzjoni tal-persuna diskriminata tirriżulta biss mill-applikazzjoni tal-prinċipju, rikonoxxut fid-dritt tal-Unjoni, tar-responsabbiltà tal-Istati Membri fil-każ ta' traspożizzjoni inkorretta tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Ewropew?

- (5) Din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja tipprekludi miżura nazzjonali li tissuġġetta l-eżistenza ta' dritt għal ħlas (*a posteriori*) jew kumpens għall-kundizzjoni li l-imħallfin ikunu ressuq tali talba fit-terminu qasir?
- (6) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel sat-tielet domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja timplika li liġi, li tiddefinixxi l-metodu ta' klassifikazzjoni mill-ġdid ta' mħallfin diġà fil-kariga fis-sistema l-ġdida billi tipprova li l-iskala tas-sistema l-ġdida li ser jiġu assenjati fiha, tkun esklużivament iddeterminata mill-ammont tas-salarju bażiku li kienu jirċevu, skont is-sistema ta' remunerazzjoni qadima (diskriminatorja), fid-data ta' referenza stabbilita għat-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida, u li l-progressjoni sussegwenti lejn skala ogħla mbagħad tiġi ddeterminata biss abbażi tal-esperjenza miksuba wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, indipendentement mill-esperjenza totali miksuba mill-imhalled, tissokta — sakemm imhalled ikun laħaq l-ogħla skala — bid-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età?

- (7) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għas-sitt domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja tipprekludi li t-trattament mhux ugwali kontinwu jista' jkun iġġustifikat mill-għan leġiżlattiv ta' protezzjoni mhux (biss) tad-drittijiet misuba fid-data ta' referenza għat-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida, iżda (wkoll) tal-aspettattivi ta' mħallfin diġà fil-kariga fir-rigward tal-perspettivi tagħhom ta' qligħ fil-grad rispettiv tagħhom li huwa ggarantit lilhom mis-sistema l-qadima, u li tipprova remunerazzjoni aħjar għall-imħallfin ġodda milli għal dawk diġà fil-kariga?

Id-diskriminazzjoni kontinwa kontra mħallfin diġà fil-kariga tista' tkun iġġustifikata mill-argument ibbażat fuq il-fatt li s-soluzzjoni l-oħra possibbli (li tikkonsisti fi klassifikazzjoni individwali mill-ġdid tal-imħallfin diġà fil-kariga skont it-tul tal-esperjenza professjonali tagħhom) hija amministrattivament iktar diffiċli sabiex tiġi implementata?

- (8) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad il-ġustifikazzjonijiet imsemmija fis-seba' domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja tippermetti, sakemm tiġi stabbilita sistema nondiskrimina-

torja ta' remunerazzjoni inkluż għal imħallfin diġà fil-kariga, konsegwenza legali oħra għajr dik ta' għoti lill-imħallfin diġà fil-kariga ta' remunerazzjoni li tikkorrispondu għall-ogħla skala tal-grad tagħhom, b'mod retroattiv u kontinwu?

- (9) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel sat-tielet domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja twassal għall-konklużjoni li, tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba l-età, leġiżlazzjoni li tikklassifika mill-ġdid l-imħallfin fis-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni li, minn ċertu skala, tibbenefika lill-imħallfin diġà fil-kariga li jkunu laħqu ċerta età fid-data stabbilita għat-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida, b'rata ta' progressjoni tar-remunerazzjoni li tkun iktar mghāġġla minn dik tal-imħallfin diġà fil-kariga iżda li kienu iżgħar fid-data stabbilita għat-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida?
- (10) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-disa' domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja tipprekludi li dan it-trattament mhux ugwali jista' jiġi ġġustifikat mill-għan leġiżlattiv li jikkonsisti fil-protezzjoni mhux tad-drittijiet miksuba fid-data ta' referenza għat-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida, iżda biss tal-aspettattivi tal-imħallfin diġà fil-kariga f'dak li jirrigwarda l-perspettivi tagħhom ta' qligħ, fil-grad rispettiv tagħhom, li kienet tiggarrantilhom is-sistema l-antika?

- (11) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad il-ġustifikazzjoni msemija fl-għaxar domanda: din l-interpretazzjoni tad-dritt primarju Ewropew u/jew leġiżlazzjoni sussidjarja tippermetti, sakemm tiġi stabbilita sistema nondiskriminatorja ta' remunerazzjoni, inkluż għall-imħallfin diġà fil-kariga, konsegwenza legali differenti għajr l-għoti lill-imħallfin diġà fil-kariga, tal-istess rata ta' progressjoni tar-remunerazzjoni li tingħata lill-imħallfin ipprivileġġjati kif deskritti fid-domanda 9, b'mod retroattiv u kontinwu?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (l-Italja) fis-17 ta' Jannar 2013 — Mascolo vs Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca

(Kawża C-22/13)

(2013/C 86/20)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Napoli

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Raffaella Mascolo